MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 70/2007

**Quentin Tanti
ID-485975(M)**

**vs**

**Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi l-Awtorita’ konvenuta tigi kkundannata [thallas] is-somma premessa li tirraprezenta d-danni subiti fil-vettura tal-istess attur, liema danni visibli jikkoncernaw ir-rota ta’ quddiem u ta’ wara tan-naha tal-passigier.

Din il-hsara tinkludi t-*tyre* u ir-*rim* ta’ kull rota u l-*quantum* totali tad-danni huwa Lm219.96c (mitejn u dsatax-il lira Maltin u sitta u disghin centezmu) [ekwivalenti ghal hames mija u tnax-il Ewro u sebgha u tletin centezmu (€512.37c)] jew somma ohra aktar verjuri, hekk kif rifless skond il-

*quote* tal-UCIM Co. Ltd. ghar-rimmijiet u l-*quote* ta’ A&D Borg ghat-*tyres*, entrambi *quotes* kif inhuma l-prezzijiet presentement.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri bonarji ta’ 3 ta’ Jannar, 2007 u dik tas-16 ta’ Jannar, 2007 mibghutin lill-Awtorita’ konvenuta, bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-incident u cioe’ tad-dannu subit, suggett tal-kawza odjerna kontra l-konvenuta, ir-rapprezentanti ta’ liema huma ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Awtorita’ konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi preliminarjament, dana it-Tribunal m’ghandux il-kompetenza u l-gurisdizzjoni illi jisma tali talba mressqa mill-attur u dan stante illi din il-kawza ghandha tigi riferuta lic-Centru ta’ l-Arbitragg ai termini tar-Raba’ Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta’ Malta partikolarment Artikolu 1.2 (b) kif jidher fl-anness dokument immarkat “Dok. A1”.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita’ intimata mhiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti u l-pretensjonijiet migjuba kontra taghha ghandhom jigu michuda stante illi huma infondati fid-dritt u fil-fatt.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghad-danni mhix reali u qed tigi kontestata.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra l-verbal tas-6 ta’ Gunju, 2007.

Ra r-rikors tal-attur tal-11 ta’ Dicembru, 2009, u d-digriet datat 14 ta’ Dicembru, 2009.

Ra l-verbal tal-11 ta’ Mejju, 2010, li permezz tieghu jidher li giet sorvolata l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Awtorita’ konvenuta dwar in-nuqqas ta’ kompetenza *ratione materie* tat-Tribunal sabiex jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza, tant illi t-Tribunal ordna l-proseguiment tal-kawza u l-gbir tal-provi

dwar il-mertu, u z-zewg partijiet irrimmettew ruhhom, u aderew ruhhom, ma' tali direzzjoni.

Ra n-nota tal-attur datata 12 ta' Ottubru, 2010, li tinsab a fol. 45 tal-atti.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura tal-marka Fiat, u kien ghaddej fit-Triq tal-Ballal, sejjer fid-direzzjoni ta' San Gwann, hass il-vettura tieghu tiehu zewg skossi, jew *jolts*, wahda wara l-ohra, t-tnejn fuq in-naha tal-passiggier. Mieghu riekba fil-karozza kien hemm Dr Daniela Tanti Mangion. It-tnejn spjegaw illi dan kien filghaxija, u li l-incident sehh fl-20 ta' Dicembru, 2006.

Illi hekk kif hass id-daqqiet fil-karozza, l-attur waqaf mal-genb tat-triq, u ghalkemm ma kien hemm ebda sinjal vizibbli ta' hsara, kemm l-attur kif ukoll il-passiggiera ddikjaraw illi semghu l-arja hierga miz-zewg tyres, ta' quddiem u ta' wara, tan-naha tax-xellug tal-karozza. L-istess attur ipprova jistharreg dak il-hin stess x'seta' kien li kkawza dak il-hoss, u beda miexi lura fit-triq minn fejn kien ghadu kemm ghadda bil-karozza, u sab illi kien hemm hofra (*pot hole*) imdaqqsa fit-triq, li dak il-hin kienet mimlija bl-ilma.

Illi b'segwitu ta' dan l-incident, l-attur baqa' sejjer dirett fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Gwann, u ghamel rapport dwar dak li kien gara. Illi l-istess attur anke mar lura u ha xi ritratti ta' din il-hofra, li gew pprezentati in atti.

Illi mid-deposizzjoni li nghatat minn Etienne Bonello Depuis, gie stabbilit illi dik il-parti tat-Triq fejn sehh l-incident mertu ta' din il-kawza, hija responsabilita' tal-Awtorita' konvenuta ghal dak li jirrigwarda l-manutenzjoni taghha.

Illi dan gie konfermat mir-rapprezentant tal-Awtorita' konvenuta, il-Perit Edric Micallef, li kkonferma li din hija triq arterjali, u ghalhekk taqa' taht ir-responsabilita' tal-Awtorita' konvenuta. Illi l-istess rapprezentant ikkonferma illi giet skambjata korrispondenza bejn il-partijiet kontendenti dwar din il-vertenza, u li l-Awtorita' konvenuta kienet anke wettqet hlas lill-attur fl-ammont ta' mija u sitta u erbghin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm 146.98c), ekwivalenti ghal tliet mija u tnejn u erbghin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€342.37c), permezz ta' cheque datat 14 ta' Marzu, 2007. Dan l-istess xhud ikkonferma illi dan ic-cheque baqa' ma giex imsarraf mill-attur. Illi dan ir-rapprezentant jikkontendi illi dan il-hlas lill-attur sar a bazi tal-istimi u fatturi li ntbghatu minnu stess.

Ikkunsidra,

Illi minn ezami tal-provi mressqa mill-partijiet, u l-linja difensjonali li ttiehdet mill-Awtorita' konvenuta, jirrizulta illi l-istess Awtorita' accettat ir-responsabilita' ghall-hsara li garrab l-attur fir-roti tal-vettura misjuqa minnu, u dan huwa evidenzjat mir-rilaxx tac-cheque li ntbaghat lill-istess attur. Illi jirrizulta wkoll illi kien hemm malintiz bejn il-partijiet, in kwantu l-attur qed jitlob rizarciment ghall-hsara li garrab f'zewg tyres u zewg rims, filwaqt illi l-Awtorita' konvenuta awtorizzat hlas ghal zewg tyres u rim wiehed biss.

Illi t-Tribunal qed iqis dan in-nuqqas ta' ftehim bhala malintiz, ghaliex il-pretensjonijiet avanzati mill-attur rizultanti mill-korrispondenza li ntbaghtet minnu, l-ewwel kienu ghall-ammont ta' mija u sitta u erbghin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm146.98c), ekwivalenti ghal tliet mija u tnejn u erbghin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€342.37c), kif jirrizulta mill-ittra datata 3 ta' Jannar, 2007 (a fol. 39), li mbaghad gew indikati bhala tliet mitt Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm300.96c), ekwivalenti ghal seba' mija u Ewro u hames centezmi (€701.05c) fl-ittra datata 6 ta' Marzu 2007 (a fol.37), li madanakollu, f'dan l-ammont tal-ahhar hemm inkluz ukoll xi spejjez legali u gudizzjarji stante illi f'dak l-istadju kienet 'gia giet proposta l-azzjoni odjerna. Illi mill-atti jidher li din il-vertenza bejn il-partijiet ma gietx

konkluza qabel, ghaliex meta l-attur bghat id-dokumenti lill-Awtorita' konvenuta in sostenn tat-talba tieghu, ma kienx indika kjarament bizzejjed illi l-pretensjoni tieghu kienet ghal zewg tyres u **zewg** rims; jidher illi dan il-malintiz inqala' ghaliex, ghalkemm l-istima ghat-tyres (a fol. 28) kienet ghal zewg tyres, l-istima ghar-rims (a. fol 29) kienet ghal rim wiehed biss, u cioe' gie indikat il-prezz *per unit*, u dan gie interpretat mill-Awtorita' konvenuta bhala dikjarazzjoni da parti tal-attur illi kien mehtieg li jinbidel rim wiehed biss, u mhux tnejn.

Illi ghalhekk, meta nhareg il-hlas mill-Awtorita' konvenuta lill-attur, dawn accettaw li jindennizawh ghal zewg tyres u rim wiehed, filwaqt illi l-attur dan il-hlas ma accettahx, ghaliex kien qed jippretendi hlas ghal zewg tyres u zewg rims.

Ikkunsidra,

Illi gialadarba l-manutenzjoni tat-triq fejn sehh l-incident mertu ta' din il-kawza, taqa' taht il-mansjonijiet tal-Awtorita', u hija responsabilita' tal-istess konvenuta li zzomm it-triq fi stat tajjeb u li ma tkun ta' ebda periklu jew dannu ghall-utenti taghha, u ladarba wkoll din l-istess Awtorita' mhux qed tikkontesta l-fatt illi l-*causa prossima* tal-hsara li garrab l-attur fil-vettura tieghu kienet din il-hofra fit-triq, tant li bghatu l-hlas lill-attur, allura t-Tribunal ser jghaddi sabiex jiddikjara li l-Awtorita' konvenuta hija reponsabbli ghall-hsara li garrab l-attur fil-vettura tieghu.

Illi fir-rigward tas-sottomissjonijiet li tressqu mill-Awtorita' konvenuta, u dan fir-rigward tal-hlas li sar minnha, u li hi qed tqis li gie accettat mill-attur ghas-saldu tal-pretensjonijiet tieghu, ladarba dan ic-cheque ma giex ritornat lilha, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi ladarba dan ic-cheque ma ssarrafx – u dan kif gie kkonfermat ukoll mir-rapprezentant tal-Awtorita' konvenuta erba' (4) snin wara li dan ic-cheque nhareg – allura dan id-debitu jew obbligazzjoni ta' rizarciment li l-Awtorita' konvenuta rrikonoxxit li ghandha fil-konfront tal-attur, ghadu ma giex saldat u estint. Illi jsegwi ghalhekk illi dan id-debitu ghadu dovut, u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni fattwali dwar l-

ammont reklamat mill-attur, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jordna lill-Awtorita' konvenuta thallas lill-attur is-somma minnu mitluba, u cioe' l-ammont ta' hames mija u tnax-il Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€512.37c), rapprezentanti l-valur ta' zewg tyres u zewg rims, kif rizultanti miz-zewg stimi ezebiti in atti.

Illi dwar il-pretensjoni tal-attur li l-Awtorita' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas ukoll, oltre l-ispejjez gudizzjarji relattivi ghal din l-azzjoni, dawk l-ispejjez konnessi mal-proceduri tal-Arbitragg li l-attur gie kostrett li jghamel fid-dawl tal-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Awtorita' konvenuta, jkun opportun illi jigu rilevati s-segwenti punti: Illi salv ghan-nota li saret mill-attur datata 12 ta' Ottubru 2010 (a fol. 45), ma jirrizulta bl-ebda mod illi giet proposta azzjoni mill-istess attur fic-Centru Malti tal-Arbitragg dwar din il-vertenza, stante illi ma gie ipprezentat ebda inkartament u / jew dokumentazzjoni f'dan ir-rigward. Illi oltre dan, dato ma non concesso illi giet proposta tali azzjoni, allura l-istess attur kellu jitlob pronunzjament f'dik l-azzjoni, qabel ma rtiraha (kemm-il darba din giet irtirata minnu), dwar il-kap tal-ispejjez relattivi ghal dik l-azzjoni. Illi fl-assenza ta' ebda prova illi dik l-azzjoni giet proposta, u tenut kont tal-fatt illi dawn huma zewg *fora* separati u distinti, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi ma jistax arbitrarjament jikkundanna lill-Awtorita' konvenuta tirrifondi lill-attur tali spejjez, partikolarment ladarba ma hemm ebda evidenza taghhom fl-atti processwali odjerni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi, filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-Awtorita' konvenuta, jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-Awtorita' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hames mija u tnax-il Ewro u sebgha u tletin centezmu (€512.37c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-talba.

L-ispejjez ta' din l-azzjoni jkunu a karigu tal-Awtorita' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------